**(III) L-Istatwetti ta' Luċjan**

Is-seba' sena minn mewtu



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-artiklu tas-sena l-oħra, 'Luċjan Il-Kaċċatur', li deher fil-ktieb tal-festa tas-Soċjetà Mużikali Spinola, pp. 77-87, konna tkellimna dwar xi delizzji u sports li kien iħobb jipprattika Luċjan Pullicino fil-ħin liberu tiegħu. Dis-sena wkoll, ser nitkellmu dwar aktar delizzji tiegħu, fosthom bħala statwarju 'dilettant' ta' statwetti devozzjonali bix-xbieha ta' San Ġiljan, id-Duluri, il-Qalb ta' Ġesù, u r-Redentur, fost oħrajn. Kif se naraw, Luċjan kien iħobb ukoll ipitter kartelluni kbar għall-Azzjoni Kattolika, li tagħha kien membru attiv ħafna, u oħrajn artistiċi bħala riklam għall-produzzjonijiet li kien itella' barra minn pajjiżu, fosthom id-Deporres Hall, Tas-Sliema, bil-Kumpanija Filodrammatika San Ġiljan. F'dal-artiklu ma jonqsux ukoll xi siltiet mill-poeżija tiegħu, 'San Ġiljan, Inħobbok Ħafna!' tal-2002. Dawn huma relatati mad-delizzji li se nitkellmu dwarhom, u li permezz tagħhom dal-artiklu jieħu sura dejjem aktar imlewna.

Kliem muftieħ: San Ġiljan, Luċjan Pullicino (attur), Statwetti, Plakek, Għaqda Każini tal-Banda, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Soċjetà Mużikali 'Spinola' (San Ġiljan), Każin Banda 'San Ġiljan' (San Ġiljan)



Fir-ritratt tas-snin sittin, fit-tieni filliera, jidhru Ġiljan Bonello (fundatur tas-Soċjetà Mużikali Spinola) u Luċjan Pullicino, it-tieni u r-raba' wieħed rispettivament. Huma kienu membri fil-kumitat tal-ewwel banda Ġilianiża

**L-istatwa tal-ġebel ta' San Pawl Appostlu**: Forsi wieħed mix-xogħlijiet l-aktar bikrin ta' Luċjan f'dak li għandu x'jaqsam ma' lavur hu r-restawr li kien għamel fuq statwa kbira tal-ġebel ta' San Pawl Appostlu, mitluqa ġo bitħa tal-każin tal-banda. Din kienet dejjem esposta għall-elementi kiefra tan-natura, u biż-żmien sfat abbandunata u ġarrbet ħsarat kważi irreparabbli. Meta mbagħad il-bitħa ssaqqfet biex saret sala għal-logħob tal-biljard, Luċjan iddeċieda li jidħol għal dil-biċċa xogħol iebsa tar-restawr; xi ħaġa li rnexxielu jagħmel bil-paċenzja u l-kapaċità tiegħu. B'hekk, l-istatwa reġgħet ħadet il-ħajja, bil-fjamma u l-lifgħa ħierġa minnha b'kollox. Iżda, dan ma kienx l-uniku xogħol fil-każin ta' dal-bniedem ħawtiel. Luċjan kien iċċanga l-intrata t'isfel kollha, irranġa ċ-ċinta ta' barra fejn kellha l-ġebel nieqes, u ta dehra iġded u isbaħ lill-faċċata.

23. *Dun Anton Xiberras qalli,*
*Sa tagħmel tih 'il-pajjiż,*
*Ħalli żgħażagħ, tfal jifirħu,*
*Bl-istatwa ħelwa tal-Qaddis.*

24. *F'San Ġiljan jiena ħloqt ħaġa,*
*Opra sabiħa tibqa' tissemma,*
*Purċissjoni bit-tfal mal-vara,*
*Li din qatt mhi sa tintemma.*

26. *Din il-ħaġa qatt ma saret*
*F'San Ġiljan, ngħid is-sewwa,*
*Father Tony lili qalli*
*Dan il-kliem kollu ħlewwa.*

*27. Inħossni kuntent ħafna,*
*Tara tfal bix-xemgħa u fanali,*
*Madwar l-istatwa li għamilt jiena,*
*Xogħol tal-fajber, oriġinali.*

25. *Father Tony dan kliem qalli,*
*Meta kien hu kappillan,*
*Tant ferañ bil-vara li tajt 'il-knisja,*
*Tal-Patrun tagħna San Ġiljan.*

'San Ġiljan, Inħobbok Ħafna!' (Sita mill-poeżija tal-2002)



**San Ġiljan 'iż-żgħir' tat-tfal**: Għall-festa liturġika ta' San Ġiljan, li tiġi fis-27 ta' Jannar, Luċjan kien għamel vara żgħira ħelwa tal-fibreglass, bil-pedestall b'kollox, ta' dal-qaddis bl-għan li jkompli jkabbar il-festa tiegħu. Għall-bidu, dil-istatwa kienet tinġarr mit-tfal fuq l-ispallejn, li kienu jinżlu proċessjonalment biha mill-knisja l-qadima sal-parroċċa l-ġdida, fin-naħa t'isfel tal-istess triq. Fi żmien aktar riċenti, il-purċissjoni bdiet titlaq filgħodu bit-tfal tal-iskola primarja sal-knisja l-qadima, magħrufa bħala "Ta Lapsi", fejn imbagħad issir quddiesa 'l-istess studenti. Il-purċissjoni tkun akkumpanjata mit-tfal Ġiljaniżi ixejru l-bandiera Belġjana (peress li dal-qaddis jingħad li kien minn Fjandra), u servizz ta' marċi ferrieħa pprovdut minn elementi badistiċi fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Spinola. Luċjan kien irregala dil-vara ta' San Ġiljan 'tat-tfal' lill-parroċċa fi żmien li Dun Tony Agius[1] kien kappillan ta' das-subborg marittimu.



*Il-Kappillan ma' Luciano Pullicino li rregala lill-parroċċa l-istatwa ta' San Ġiljan tat-tfal.*

16. *Vara sabiħa ta' San Ġiljanu,*
*Biex jesportawha kienet lesta*
*Ġo l-Awstralja biex joħorġuha,*
*F'dak il-jum sabiħ tal-festa.*

17. *Ġo l-Amerka u Tuneżija,*
*Bl-akbar ferħa ngħidu dan,*
*Għamiltilhom jien l-istatwa,*
*Tal-maħbub tagħna San Ġiljan.*

Mill-istess poeżija tal-2002



**Statwetti devozzjonali**: L-istatwetti ta' Luċjan ta' kull daqs inxebbahhom wisq mal-pasturi tat-tafal *tas-sold*, b'dawk il-kuluri kollha jgħajtu fuqhom. Dal-pasturi kienu jissejħu hekk minħabba l-prezz irħis li bihom kienu jinbiegħu sa ftit wara l-Gwerra. Dawn kienu jinħadmu bit-tużżani u ma kien ikun fihom majjistrija ta' xejn min-naħa tal-pastatur. Il-forom tagħhom aktarx li kienu jittieħdu minn oħrajn diġà diformati, u wieħed ma kienx jistenna li se joħorġu xi pasturi suret in-nies.

[1] Kien id-disa' kappillan ta' San Ġiljan bejn l-1982 u l-1998. Dun Tony twieled fil-21 t'Awwissu, 1940 minn Salvu Agius u Maria Saliba. Għal xi żmien għallem ir-reliġjon f'żewġ skejjel tal-knisja. Ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' Marzu, 1967. Għamel 13-il sena bħala viċi fil-parroċċa ta' Stella Maris, Tas-Sliema. Laħaq viċi ta' San Ġiljan fl-1 t'Ottubru 1980, u fil-21 ta' Marzu, 1982, ħa l-pussess tagħha. Il-parrokkat tiegħu kien immarkat minn diversi avvenimenti speċjali, fosthom il-festi ċentinarji tal-parroċċa (1991) u dawk tal-wasla tal-vara titulari ta' San Ġiljan. Il-Ħadd, 27 ta' Mejju, 1990, Dun Tony laqa' 'l-Q.T., il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-knisja parrokkjali Ġiljaniża. Huwa ngħata kariga fil-Moviment ta' Kana wara li spiċċa minn-kappillan fl-1998.



Fix-xogħlijiet ta' Pulliċino wkoll, mhux bilfors li l-fattizzi ta' wiċċhom dejjem kienu jkunu ħelwin u s-sura ta' figurthom iżżomm dejjem mar-regoli tal-anatomija umana. Wara kollox, Luċjan ma kienx dak l-'artist' ta' skola u allura ma kienx jippretendi li wieħed se jsib ċerti dettalji rfinuti fihom bħalma nsibu fl-istatwi li jiġu minn barra. U minkejja forsi l-faqar tagħhom f'dana kollu, xorta waħda kont issib 'il min jissaħħar għal warajhom minħabba s-sempliċità u l-element devozzjonali li kien ikun fihom. Infatti, ħafna huma dawk il-Ġiljaniżi li kisbu statwetta ta' San Ġiljan mingħandu fuq mudell oriġinali tiegħu stess biex biha jarmaw it-tieqa tagħhom matul il-jiem tal-festa.

Fir-ritratt T'hawn fuq jidher Luċjan bilqiegħda qed jippoża maġenb l-istatwetta tal-Qalb ta' Ġesù, imsieħeb minn żewġ kerubini bilwieqfa fuq pedestal irħamat f'forma ta' kaxxa kull wieħed fuq kull naħa tiegħu. Fuqhom jerġa', hemm żewġ xbihat ta' wiċċ Kristu fuq l-ixkaffetti. Wieħed jinnota wkoll, li d-dijadema hi magħmula minn xi forma ta' reċipjent tond, u mdawwar bil-bozoz tal-Milied. Xogħlijiet simili ma kinux għall-bejgħ imma jibqgħu fil-kollezzjoni privata tiegħu u jintramaw biss darba fis-sena meta tiġi l-festa tagħhom. L-istatwetti kienu jiġu esebiti, jew fit-tieqa kbira u għolja li kellu ftit fil-għoli mal-faċċata tad-dar, ġieli wkoll fid-daħla tal-bieb ta' barra, li biex tgħaddi minnu trid titla' żewġ tarġiet.



**L-istatwetta tad-Duluri**: Statwetta mdaqqsa li kienet ħafna għall-qalb Luċjan hi dik li tirrappreżenta d-Duluri b'seba' stalletti żgħar ġo qalbha, u b'binha Ġesù mitluq mejjet f'ħoġorha. Bħal dejjem, il-kuluri li kien japplika fuq l-istatwetti kienu jkunu aktarx dejjem vivaċi u bla sfumar ta' xejn. Wieħed jinnota wkoll, li fuq ras iż-żewġ figuri, Luċjan kien iħobb ixiddilhom dijadema tixgħel b'bozoz irqaq, biex meta d-dlam jibda jraxxax, jibqgħu jidhru minn wara l-ħġieġ tat-tieqa ta' barra. Mhux l-ewwel darba wkoll, li kont tara 'l xi ħadd għadu tiela' jew nieżel mill-knisja Ta' Lapsi u jieqaf bis-serqa quddiem ix-xbieha tad-Duluri biex idomm xi talba ċkejkna fis-skiet ta' qalbu. Interessanti wkoll wieħed jinnota, li Luċjan kien jieħu ħsieb ipitter xenarju sħiħ bħala sfond biex il-ħaġa tkun kompluta kemm jista' jkun.

32. *Din is-sena sejjer inżanżan,*
*Tliet statwi sbieħ u ngħidu dan;*
*Margherita ma' Ġiljanu,*
*Imberkin mill-kbar Sultan.*

Mill-istess poeżija tal-2002



**Plakek bix-xbieha tal-wiċċ ta' Kristu**: Xogħlijiet oħra minn ta' Luċjan fuq skala aktar kummerċjali kienu x-xbieha tal-wiċċ ta' Kristu fuq is-salib b'dak ix-xagħar twil u iswed tuta, ħuġbejn pjuttost folti imma puliti ġejjin għall-ponta, mustaċċi u daqna ttrimmjati tajjeb donnhom għadhom kemm ħarġu minn idejn il-barbier. Wieħed ma jistax ma jinnotax il-kisra f'għajnejn Kristu, u b'fommu kemm kemm imbexxaq bħal donnu jixtieq ilissen xi talba. Minn dawn il-plakek Luċjan seta' jagħmel kemm irid għax kellu forma tagħhom. Ma nafx jekk fuqhom kienx jiffirma wkoll li huma xogħlu. Dal-plakek u oħrajn, Luċjan kien jaħdimhom fil-ġnien kbir li kellu fuq in-naħa ta' wara tad-dar tiegħu. Kien iqatta' sigħat sħaħ jimla forma wara l-oħra u jħalliha sa ma l-ġibs

ta' ġo fiha jagħqad sewwa. Meta imbagħad tkun nixfet biżżejjed, joħroġ il-plakka bajda karti mill-forma, u forsi jtiha xi xkatlatura fina ħafna qabel ma jibda japplikalha iż-żebgħa tal-kulur. Luċjan ma tantx kien iħobb iħallat wisq il-kuluri u kien jippreferi juża dawk biss kif hemm fil-bottijiet.

15. *Lapsi Street kont insebbaħha,*
*B'arblu kbir, bandiera Belġjana,*
*San Ġiljan u ċerva tiegħu,*
*Kienu sbieħ jekk trid tarana.*

Mill-istess poeżija tal-2002




**Plakek tar-Rendentur Salvana**: Form'oħra ta' dat-tip kienet il-plakka bix-xbieha ta' Kristu mgħobbi bit-toqol tas-salib imqaddes. Jidher li Luċjan kellu domanda qawwija għalihom għax kien jagħmel ħafna minnhom biex jiddendlu fid-djar ta' min jixtieq jixtri waħda minnhom. Dal-plakek kienu differenti mill-oħrajn peress li kienu maħdumin fil-bassoriljev, u Luċjan kien jeħtieġlu aktar xogħol biex joqgħod ipenġi dawk l-uċuh kollha mimlija bit-tbatija ta' Kristu wieħed wieħed, b'uħud minnhom joħorġulu b'għajnejhom mberrqin aktar minn tal-oħrajn. Xi ħaġa li ma kienx jinsa hi l-kuruna tax-xewk mdeffsa ġo rasu, u fuqha jerġa' dijadema bilkemm tidher peress li mill-ġenb. Tneħħi is-salib iswed faħma u l-libsa lewn il-porpra, l-isfond dejjem kien jiżbgħu b'xi kulur differenti biex jirkaċċa. Mad-dawra kien iħobb idaħħal xi fjuri bħala tberfil, filwaqt li jħalli biżżejjed spazju fejn jista' jikteb b'ittra kbar il-kelmiet – REDENTUR SALVANA.

18. *San Ġiljan hu l-għaxqa tiegħi,*
*Kumpanija semmejtha għalih,*
*Ippreżentajt il-ħajja tiegħu,*
*Fejn spiċċat b'unuri sbieħ.*

19. *Ġo Deporres Hall, Tas-Sliema,*
*Postijiet kollox bil-fir.*
*In-nies ħadu pjaċir b'leġġenda*
*Ta' San Ġiljan l-Ospitalier.*

Mill-istess poeżija tal-2002




Luċjan jippoża quddiem kartellun artistiku li hu ħadem għad-dramm 'Il-Leġġenda Ta' San Ġiljan' li sar fil-Veritas Hall, Tas-Sliema

**Luċjan il-pittur**: Luċjan kien ukoll ipitter għadd ta' kartelluni artistiċi. *Xaqq Dawl* t'April 1951, it-II Sena, Għadd 24, p. 9, jgħarrafna li: 'Kartelluni tassew artistiċi, maħdumin mis-Sur Luc. Pullicino, twaħħlu fit-tokk tal-Parroċċa, quddiem il-Knisja parrokkjali, il-Balluta u Spinola, li jfakkru fis-Sagrifiċċju ċkejken li wieħed jiċċaħħad mit-tipjip u mid-diskors nhar il-Ġimgħa l-Kbira bħala tpattija għas-Sagrifiċċju l-Kbir tal-Golgota.' Fil-ħarġa tax-xahar ta' wara, it-III Sena, Għadd 25, insibu dan li ġej: 'Twaħħlu kartelluni oħra tas-Sur L. Pullicino dwar il-Familja, li huwa l-istudju tas-sena soċjali tal-A.K.M. Ħadna gost nosservaw li l-inizzjattiva mibdija mill-Ġuvintur għal bidu tas-sena issa qed tiġi mwettqa mill-id esperta tas-Sur Pullicino (Irġiel). Prosit tassew u ngħidulu jkompli.'

Luċjan ma kienx ipenġi katelluni artistiċi biss għall-parroċċa ta' San Ġiljan, imma wkoll għall-okkażjonijiet oħra, fosthom kartelluni biex jirreklama l-produzzjonijiet li kienu jsiru mill-Kumpanija Filodrammatika 'San Ġiljan', kemm ġewwa, kif ukoll barra r-raħal. Fir-ritratt tal-ġenb

naraw lil Luċjan jippoża ħdejn wieħed minn dal-kartelluni li hu kien pitter għad-dramm oriġinali tiegħu *Il-Leġġenda ta' San Ġiljan*. Dax-xogħol kellu jittella' mill-kumpanija tiegħu stess fil-*Veritas Hall* f'Tas-Sliema – li mbagħad, aktar tard saret id-*Deporres Hall* – nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru. Wara dad-dramm reliġjuż kellu jkun hemm ukoll xi farsa.

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Ġiljaniżi fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Ġiljan li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fir-raħal li jġib l-istess isem.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)